**3 ta' Marzu, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Muscat

## Kunsens għall-proċedura sommarja - Approprjazzjoni indebita - Truffa

*Jekk imputat ma jweġibx jew iwieġeb "jirriserva" li ma jkollux oġġezzjoni għall-proċedura sommarja, l-artikolu 370 (4) (b) tal-Kodiċi Kriminali ma jistax jiġi applika u l-Qorti tal-Maġistrati jkollha tipproċedi bil-kumpilazzjoni.*

*F'dan il-każ, wara li l-imputat kien irriserva għat-tali domanda, l-kunsens tiegħu għall-proċedura sommarja ġie mogħti qabel ma ġiet ippronunzjata s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti. Għalkemm il-kunsens tat-trattazzjoni bi proċedura sommarja ġie mogħti fi stadju divers minn kif preskritt bil-liġi, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma ddikjaratx l-inkompetenza ta' l-Ewwel Qorti in vista tal-fatt li r-rekwiżiti kollha li in virtù tagħhom l-artikolu 370 (4) (b) jikkonferixxi lill-Qorti tal-Maġistrati l-kompetenza li tittratta l-każ bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ġew prattikament sodisfatti.*

*L-element partikolari tar-reat ta' approprjazzjoni indebita mhuwiex l-użu ta' l-ingann da parti ta' l-aġent biex jottjeni l-oġġett, iżda l-inversjoni tat-titolu tal-pussess tal-ħaġa li l-aġent ikun ottjena mingħand is-suġġett passiv bil-libera volonta' ta' dan. Fl-approprjazzjoni indebita ma jeżisti ebda element ta' frodi fis-sens li fl-approprjazzjoni indebita m'hemmx l-element ta' fiduċja li essenzjalment jiffaċilita tali reat.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza tas-26 ta' Mejju, 1995 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lliberat lill-imputat mill-imputazzjoni li

f'dawn il-Gżejjer matul l-aħħar xhur qabel it-28 ta' Mejju, 1993 u ċjoe' wara d-9 ta' Ġunju, 1992, approprja ruħu billi dawwar għalih jew għal persuna oħra minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-*obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat* u ċjoe' dawwar bi profitt is-somma ta' Lm639.00,0 b'oġġetti ta' *appliances* li l-valur globali tagħha kien ta' Lm1039.00,0 għad-dannu tal-Forestals Appliances Ltd.;

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-Avukat Ġenerali talab li din il-Qorti tirrevoka dik is-sentenza u jew tibgħat l-atti lill-*Qorti Inferjuri biex din tipproċedi skond il-liġi,* jew alternattivament, din il-Qorti ta' l-Appell tieħu konjizzjoni tal-provi, issib lill-imputat ħati u tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

Rat l-atti l-oħrajn u ttrattat l-appell, tikkunsidra:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa li l-Ewwel Qorti ma kinitx kompetenti li tiddeċidi dwar ir-reat;

Kwantu għal dan l-aggravju, ir-reat dedott huwa dak ta' l-approprjazzjoni indebita. Il-piena li għaliha huwa soġġett dan ir-reat hija ta' priġunerija għal disa' xhur. Għalhekk kien applikabbli l-artikolu 370 (4) tal-Kodiċi Kriminali. Dan jiddisponi hekk:

370 (4) (a) "... jekk id-delitt li bih l-imputat ikun akkużat huwa wieħed li għalih hemm piena ta' priġunerija għal żmien ta' aktar minn sitt xhur iżda mhux aktar minn erba' snin, il-Qorti għandha, waqt l-eżami ta' l-akkużat skond l-artikolu 392, tistaqsi lil-akkużat jekk għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja; u li Qorti għandha tagħtih żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija";

370. (4) (b) "Jekk, matul l-imsemmi żmien, l-akkużat iwieġeb li huwa m'għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja, il-Qorti għandha tistaqsi lill-uffiċjal prosekutur jekk l-Avukat Ġenerali jkunx ta l-kunsens tiegħu bil-miktub sabiex il-każ jiġi ttrattat bi proċedura sommarja u jekk ma ssir ebda oġġezzjoni, il-Qorti għandha tinnota dan il-fatt fil-proċess u malli tagħmel hekk il-Qorti tkun kompetenti li tittratta l-każ ta' l-akkużat u għandha tipproċedi skond hekk";

Fil-każ preżenti l-Ewwel Qorti, bħala Qorti Istruttorja, korrettement bdiet biex ipproċediet a tenur ta' l-artikolu 370 (4) (a) fuq ċitat. X'ħin l-imputat ġie ppreżentat quddiemha, fl-eżami staqsietu kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi ttrattat bi proċedura sommarja. It-tweġiba ta' l-imputat, kif reġistrata fl-atti, kienet "Jirriserva";

Jiġifieri l-imputat ma weġibx li ma kellux oġġezzjoni għall-proċedura sommarja. Għalhekk id-disposizzjoni fis-subinċiż (b) ċċitat ta' l-artikolu 370 (4) ma setgħetx tiġi applikata. Din id-disposizzjoni hija applikabbli biss fil-każ li l-imputat ikun wieġeb li ma jkollux oġġezzjoni għat-trattazzjoni bil-proċedura sommarja;

Fil-każ preżenti, allura, appena l-imputat wieġeb "jirriserva", l-Ewwel Qorti ma kellhiex tistaqsi kif għamlet, lill-uffiċjal prosekutur, jekk l-Avukat Ġenerali kienx ta l-kunsens tiegħu għat-trattazzjoni bil-proċedura sommarja. Kellha tipproċedi bil-kumpilazzjoni;

L-Ewwel Qorti pero' ma ppročedietx bil-kumpilazzjoni. Wara li l-imputat wieġeb "Jirriserva" kif fuq intqal, u wara li staqsiet kienx hemm il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali għat-trattazzjoni sommarja, għal liema mistoqsija l-uffiċjal

prosekutur wieġeb affermattivament u wara li l-imputat, għall-akkuża wieġeb li ma kienx ħati, l-Ewwel Qorti kompliet tisma' l-kawża bi proċedura sommarja. Tant hu hekk li f'għeluq ix-xahar mit-28 ta' Mejju, 1993, ċjoe' mill-preżentata ta' l-imputat quddiemha ma ddeċidietx jekk kienx hemm jew le raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża. Minflok, kompliet tisma' l-provi sakemm, bla ma qatt bagħtet l-atti lill-Avukat Ġenerali, fis-26 ta' Mejju, 1995 ippronunzjat is-sentenza fuq il-meritu tal-kawża, li hija preċiżament is-sentenza appellata. Dina ovvjament kienet irregolarita' proċedurali li normalment għandha tinvalida l-proċeduri u tirrendi lill-Ewwel Qorti inkompetenti li tippronunzja s-sentenza bħala Qorti ta' Kriminali Ġudikatura;

B'danakollu jirriżulta li l-Avukat Ġenerali effettivament ta l-kunsens tiegħu bil-miktub biex il-każ jiġi ttrattat bi proċedura sommarja (ara fol. 9 tal-proċess). Anke l-imputat spiċċa biex appena qabel ma ġiet mogħtija s-sentenza mill-Ewwel Qorti ta l-kunsens tiegħu għall-istess skop, u għal darba darbtejn, kif jidher mill-verbali tat-2 ta' Diċembru, 1994 u tas-26 ta' Mejju, 1995;

Għalkemm il-kunsens imsemmi għat-trattazzjoni bi proċedura sommarja ġie mogħti fi stadji diversi minn kif preskritt bil-liġi, dan il-kunsens ġie effettivament mogħti kemm mill-Avukat Ġenerali kif ukoll mill-imputat u kien hekk mogħti qabel ma ġiet ippronunzjata s-sentenza mill-Ewwel Qorti. Għalhekk ġew prattikament sodisfatti r-rekwiżiti kollha li in virtu tagħhom is-subinċiż (b) ta' l-artikolu 370 (4) tal-Kodiċi Kriminali jikkonferixxi lill-Qorti tal-Maġistrati l-kompetenza li tittratta l-każ bħala Qorti ta' Kriminali Ġudikatura;

Barra minn hekk f'din it-tieni stanza, l-imputat ma oġġezzjonax dwar il-proċedura quddiem l-Ewwel Qorti, jew

dwar il-kompetenza ta' dik il-Qorti. L-Avukat Ġenerali oġġezzjona, kif jidher mill-ewwel aggravju tiegħu proprju in eżami. B'danakollu l-Avukat Ġenerali fir-rikors tiegħu ta' l-appell qiegħed jintavola t-talba alternattiva biex din il-Qorti ta' l-Appell tieħu konjizzjoni tal-provi u tiddeċidi l-meritu;

In vista tal-konsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti mhix se tiddikjara l-inkompetenza ta' l-Ewwel Qorti u lanqas in-nullita` tal-proċeduri fl-ewwel istanza. Se tipproċedi a tenur ta' l-artikolu 428 (5) u (6) tal-Kodiċi Kriminali u tiddeċidi l-meritu tal-kawża fuq it-tieni aggravju ta' l-appellant Avukat Ġenerali;

It-tieni aggravju ta' l-appellant huwa li l-Ewwel Qorti erronjament irriteniet li r-reat ta' approprjazzjoni indebita jirrikjedi l-element preċiż tad-defrawdazzjoni u stante li ma ġiex ippruvat dan l-element, hija lliberat lill-imputat appellat;

Effettivament fis-sentenza appellata jingħad li fost l-elementi ta' l-approprjazzjoni indebita hemm "l-element li tiddifrodixxi li huwa magħġun ma' l-element ta' fiduċja li essenzjalment jiffaċilita dan ir-reat". Jingħad ukoll fis-sentenza appellata li l-ksur ta' xi kundizzjoni tal-kuntratt ta' *hire purchase*, kif hemm involut fil-każ preżenti, jagħti lok għal azzjonijiet ta' natura ċivili jew kommerċjali u "l-liġi kriminali tidħol biss fejn hemm l-elementi ta' frodi";

Mill-premess jidher ċar li skond is-sentenza appellata wieħed mill-elementi tar-reat ta' approprjazzjoni indebita huwa l-frodi fis-sens ta' qerq li permezz tiegħu l-aġent jieħu vantaġġ mill-fiduċja tas-suġġett passiv. Dana pero` huwa element tar-reat ta' frodi u mhux tar-reat dedott, ċjoe` ta' l-approprjazzjoni indebita. Għalhekk l-Ewwel Qorti bir-rispett għamlet enunċjazzjoni zbaljata ta' l-ipotesi tal-liġi u t-tieni aggravju ta' l-appellant huwa fondat;

L-element partikolari tar-reat ta' approprjazzjoni inebita mhuwiex l-użu ta' l-ingann da parti ta' l-aġent biex jottjeni l-oġġett, iżda l-inversjoni tat-titolu tal-pussess tal-ħaġa li l-aġent ikun ottjena mingħand is-suġġett passiv bil-libera volonta' ta' dan. Fl-approprjazzjoni indebita ma jeżisti ebda element ta' frodi fis-sens kif jidher enunċjat fis-sentenza appellata;

Fil-każ odejern jirriżulta li l-imputat xtara diversi oġġetti mingħand Forestals (Appliances) Limited bil-*hire purchase*. Fid-data tal-kuntratt huwa ħallas erba' mitt lira mill-prezz totali u ġie miftiehem li jħallas il-bilanċ ta' sitt mitt lira b'rati mensili. L-imputat espressament obbliga ruħu li sakemm ma jkunx ħallas il-bilanċ intier dovut, huwa ma jiddisponix mill-oġġetti mixtrija minnu. In segewitu, wara li l-imputat ma kienx wasal fil-ħlas tal-bilanċ, irriżulta li l-oġġetti in kwistjoni ma kinux fil-pussess tiegħu. B'referenza għal dawk l-oġġetti l-imputat fi stqarrija lill-Pulizija ddikjara "Ġejt bżonn il-flus u bgħetthom"

Mill-premess jirriżulta li l-imputat konxjament iddispona mill-oġġetti li kienu ġew ikkonsenjati lilu bl-obbligu li jżommhom fil-pussess tiegħu. Dan l-aġir jimporta mhux biss il-ksur ta' obbligazzjoni ċivili, iżda kjarament ukoll l-approprjazzjoni indebita mill-imputat ta' l-istess oġġetti bi profitt għalih innifsu. Għalhekk ir-reat dedott ta' l-approprjazzjoni indebita jirriżulta ppruvat;

L-imputat ġie akkużat ukoll bir-reċidiva. F'dan ir-rigward jirriżulta li b'sentenza ta' l-4 ta' Frar, 1988 (li kopja tagħha mhix kollezzjonata mill-Imħallef, tinsab esebita f'dawn l-atti) huwa ġie kkundannat sena priġunerija, bid-deduzzjoni taż-żmien li kien għamel arrestat preventivament. Ma jirriżultax f'liema data skonta dik il-piena. Ir-reat dedott, li tiegħu l-imputat se jiġi ddikjarat ħati, ġie kommess fid-data li huwa approprja ruħu indebitament mill-oġġetti in kwistjoni. Lanqas din id-data ma

tirriżulta, b'dan li possibilment kienet f'Mejju, 1993, meta l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija. Fiċ-ċirkostanzi ma jirriżultax li r-reat odjern ġie kommess fi żmien ħames snin mid-data li fiha ġiet skontata l-piena nflitta bis-sentenza preċedenti. Għalhekk ir-reċidiva ma tirriżultax;

Għall-fini tal-piena jiġi rrilevat li mill-fedina penali ta' l-imputat appellat jirriżulta li fil-passat huwa ġie misjub ħati ta' numru ġmielu ta' delitti kontra l-proprjeta';

Għar-raġunijiet premessi, filwaqt li tiddikjara bla bażi l-appell fuq l-ewwel aggravju, jiġifieri għal dik li hija raġuni ta' l-inkompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati, tilqa' l-appell fuq it-tieni aggravju, tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-imputat appellat ħati tar-reat ta' approprjazzjoni indebita, u wara li rat l-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali tikkundannah disa' xhur priġunerija.

---